MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1787/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Monica Attard (ID: 196146 M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Monica Attard**

**Vs**

**Ludvic Camilleri (ID: 167476 M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u tnejn u tletin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm132.12c) rapprezentanti danni sofferti mill-mittenti f'incident awtomobilistiku li sehh f'Ghar id-Dud Street, Sliema, fit-30 ta' Dicembru, 2002, u f'liema incident kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBH 061 misjuqa minn Ludvic Camilleri, u l-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni AAV 396 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assigurata tas-socjeta' mittenti, Monica Attard.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) imhallsa bhala *excess* mill-mittenti Monica Attard.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tas-16 ta' Dicembru, 2003, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba kontra l-konvenut, u bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Dicembru, 2003, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut Ludvic Camilleri, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema' lil Dr Louis Bianchi jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tnejn u tletin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm132.12c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------